# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

Illum, il-Hamis 3 ta' Mejju, 2001.

Kawza Nru. 38.
Citazz. Nru. 1291/00 JRM

**John Richard TONNA**

**vs**

**Id-DIRETTUR tar-REGISTRU PUBBLIKU**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni mressaq fit-22 ta' Gunju, 2000, li bih l-attur ippremetta:

Illi fuq ic-certifikat tat-twelid ta' l-attur mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru 1145 tas-sena 1970

(Dok A), taht il-kolonna "Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" hemm imnizzel erronjament l-ismijiet "Richard (John Richard)" u minflok ghand jitnizzel sempliciment "Richard";

Illi mill-att tat-twelid tal-parrocca jindika l-isem ta' l-attur bhala John Richard Tonna (Dok B);

Ghalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tawtorizza li ssir il-korrezzjoni l-att ta' twelid ta' l-attur mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru 1145 tas-sena 1970 (Dok A), taht il-kolonna "Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" hemm imnizzel erronjament l-ismijiet "Richard {John Richard)" u titnizzel "Richard";

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt biex jidher ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur flimkien maz-zewg (2) dokumenti mehmuzin maghha;

Rat in-Nota tal-konvenut imressqa fid-29 t'Awissu, 2000, li biha eccepixxa:

1. Illi huwa mhux edott mil-fatti li taw lok ghal kawza odjerna u ghalhekk jirrimetti ruhu ghal provi migjuba u ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-att tat-twelid numru 1145/1970 mhuwiex dovut ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez tal-istanza odjerna;

3. Salvi eccezzjonjijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-konvenut;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluza n-Nota tal-attur tat-2 ta' Novembru, 2000, li maghha ressaq ix-xhieda tieghu u dik tax-xiehda tieghu bil-mezz tal-affidavit [pagni 14 sa 17 tal-process];

Rat l-Avviz pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ghall-finijiet tal-artikolu 254 tal-Kodici Civili, ghal liema avviz ma tressqet l-ebda kontestazzjoni fiz-zmien stabilit mil-ligi;

Rat id-Degriet taghha tal-14 ta' Marzu, 2001, li bih halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza;

## *Ikkunsidrat:*

Illi din il-kawza saret ghax l-isem li l-attur jghid li bih kellu jissejjah huwa muri hazin fl-Att tat-Twelid tieghu [Dok "A" f'pagna 4 tal-process]: l-attur jghid li l-isem li minn dejjem kien imsejjah u li bih kulhadd jafu kien u ghadu biss "Richard" u mhux "John Richard". L-isem "John Richard" huwa l-isem moghti, u dan jixhdu wkoll ic-Certifikat tal-Maghmudija mahrug mill-Parrocca ta' Birzebbugia fejn l-attur tghammed [Dok "B" f'pagna 5 tal-process];

Illi biex isahhah il-fehma ta' dak li qieghed jitlob, l-attur ressaq bhala xiehda lill-ġenituri tieghu biex ifissru x'kienet ir-rieda taghhom sa minn twelid binhom dwar l-isem li riedu jsejhulu bih. Minbarra dan, fil-kaz tax-xhieda ta' missier l-attur, jidher ukoll kif kien li sehh in-nuqqas lamentat mill-attur, billi kien hu li mar jirregistra t-twelid ta' ibnu;

Illi, meta wiehed iqis l-ispjegazzjoni moghtija u kif din il-verjoni titqabbel sewwa ma' provi ohrajn li jirrisultaw, wiehed isib li l-htigiet tal-artikolu 253 (2) tal-Kodici Civili huma izjed minn miksuba f'dan il-kaz;

## *Ikkunsidrat:*

Illi l-bidla f'Atti ta' Stat Civili hija mahsuba mil-ligi kemm ghall-beneficcju tal-persuna koncernata, u kif ukoll fl-interess tat-terzi, u hija f'dawn il-limiti li l-legislatur ried li l-Qorti tqis talbet ghat-tiswija jew annotazzjonijiet f'atti bhal dawn;

Illi, fil-kaz presenti, l-Qorti tqis li t-talba attrici hija mahsuba biex isem il-minuri jkun konformi ma' dak li sa minn dejjem kienet maghrufa bih. M'huwiex mehtieg, ghall-finijiet tal-artikolu 253 fuq imsemmi, li l-isem muri fl-Att tat-Twelid ikun risultat ta' zball. Izda f'dan il-kaz, jidher li n-nuqqas ilmentat mill-attur kien influwenzat minn zball mehud mic-Celebrant tal-Maghmudija tal-attur;

Illi jirrisulta wkoll il-pregudizzju tal-attur minhabba li l-precedenza tal-isem moghti fuq dak li huwa maghruf bih tista' fis-sewwa tohloq tahwid dwar l-identita' vera tieghu ukoll fit-tmexxija ta' hwejgu mal-awtoritajiet jew istituzzjonijiet li llum il-gurnata wiehed ta' bilfors irid jahdem bihom u maghhom fil-hajja tallum. Dan il-pregudizzju huwa wiehed rejali u tangibbli li jsejjes l-interess guridiku mehtieg biex issehh l-azzjoni mibdija mill-attur;

Illi, min-naha tieghu, il-konvenut ma opponiex ghat-talba;

Illi fuq dan il-mertu wahdu, il-Qorti tqis li t-talba attrici jisthoqqilha tigi milqugha, ghalkemm ghandu jinghad li ma gie muri li l-izball bl-ebda mod ma kien jahti ghalih il-konvenut. Kif jghid missier l-attur fix-xhieda tieghu, naqas *li jaqra l-Att tat-Twelid originali qabel ma ffirmah. Ta' dan m'ghandux jigi mizmum responsabbli l-konvenut;

Ghalhekk, il-Qorti qeghda tiddeciedi din il-kawza billi:

**Tilqa' t-talba attrici**, billi tiddikjara li fl-Att tat-Twelid numru 1145 tal-1970 hemm zball fis-sens illi, taht l-intestatura "Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-Tarbija ghandha tigi Msejha", isem t-tarbija ghandu jkun "Richard" u mhux "John Richard", kif jidher attwalment;

Tordna ghalhekk li ssir it-tiswija tal-imsemmi zball f'dik l-intestatura billi jitnehhew il-kliem "John Richard" murija fl- istess Att u f'dik l-intestatura fil-parentesi u tinzamm biss il-kelma "Richard";

Tordna, ghall-finijet tal-artikolu 256 tal-Kodici Civili, li l-konvenut jigi notifikat b'kopja vera ta' din is-sentenza u li, fiz-zmien imsemmi minn dak l-artikolu, jaghmel it-tiswija mehtiega fl-Att tat-Twelid; u

Billi ma ntweriex li l-konvenut jahti ghall-izball indikat, tordna li l-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-attur.

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**3 ta' Mejju, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**3 ta' Mejju, 2001.**